

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fil-15 ta' Jannar 2010 — AB vs Il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea

(Kawża F-3/10)

(2010/C 100/100)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: AB (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: S. Pappas)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tad-Delegazzjoni tal-KE f'Loas, tal-4 ta' Frar 2009, li biha r-rikorrent ġiet informat li l-kuntratt ta' impjieg tiegħu bħala membru tal-persunal bil-kuntratt ma kienx ser jiġġedded u tad-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ li tirrispondu għall-ilment.

Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati, sabiex ir-rikorrent jiġi integrat mill-ġdid fid-DĠ "Relazzjonijiet Esterni" jew fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li ser jiġi stabbilit b'effett mill-1 ta' April 2010;

— tikkundanna lill-konventua għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Jannar 2010 — Garcia Lledo et vs UASI

(Kawża F-7/10)

(2010/C 100/101)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Inès Garcia Lledo (Alicante, Spanja) u oħrajn (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, H.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

Konvenut: Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-President tal-UASI li jtemm l-impjieg tar-rikorrenti bħala membri tal-persunal temporanju minħabba l-fatt li ma għaddewx minn kompetizzjoni ġenerali

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjonijiet tal-President tal-UASI tat-12 ta' Marzu 2009 li jtemmu l-impjieg tar-rikorrenti bħala membri tal-persunal temporanju;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2010 — Gheysens vs Il-Kunsill

(Kawża F-8/10)

(2010/C 100/102)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Johan Gheysens (Mechelen, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avukati)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jiġix estiż il-kuntratt tar-rikorrent u, konsegwentement, li tintemm ir-relazzjoni ta' xogħol tiegħu mal-Kunsill.